# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 183/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jean Claude Mercieca**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Jean Claude Mercieca**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 353994(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Ġunju 2019 għal ħabta ta' 20:30hrs bil-vettura IMS 200 ġewwa Triq ir-Rinella, Kalkara:

1. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenzja tas-sewqan;

2. uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

3. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;

4. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż;

5. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Settembru 2020, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni u minnhom illiberatu, wara li rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tal-ħames (5) imputazzjoni u kkundannatu jħallas multa komplessiva ta' ħames mitt Euro (€500.00), skwalifikatu milli jżomm il-liċenzja tas-sewqan għal żmien erba' (4) xhur u ordnatlu sabiex immedjatament jgħaddi l-istess liċenzja lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u mponiet penali ta' sitt (6) punti fuq il-liċenzja tas-sewqan tiegħu.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-2 ta' Ottubru 2020 fejn, filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata, talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi: 1. Tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-esponent ħati tal-ewwel, tat-tielet u tal-ħames imputazzjoni; 2. Tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-appellant mhux ħati tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni; 3. Tvarja l-piena imposta għal waħda aktar ekwa u ġusta għal każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu sabitu mhux ħati tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni u in kwantu sabitu ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tal-ħames (5) imputazzjoni b'dan illi talab li din il-Qorti tvarja l-piena nflitta u minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta. Għal kull buon fini jiġi rilevat li fis-sottomissjonijiet bil-fomm mismugħa minn din il-Qorti diversament preseduta, il-konsulent legali tal-appellant speċifika s-segwenti (*a fol.* 54): *"dan huwa appell purament limitat minħabba l-iskwalifika. Jiġifieri la huwa dwar il-multa imposta u lanqas dwar il-ħtija misjuba fil-konfront ta' l-appellant."* Aktar tard l-istess konsulent legali jgħid hekk (*a fol.* 55): *kull ma qegħdin nitlobu [...] illi tiġi varjata l-piena tas-sospensjoni tal-liċenzja għal waħda li tkun viċin il-minimum li hija ta' tmint'ijiem sospensjoni tal-liċenzja."*

Illi dwar l-iskwalifika għandu jingħad li fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jargumenta li huwa ġie dikjarat mhux ħati li saq il-vettura tiegħu b'mod perikoluż. Jgħid li tifli kemm tifli l-proċess ma jirriżultax li huwa kien qed isuq bi traskuraġni kbira kif jitlob Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li filwaqt li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta mponiet l-

iskwalifika taħt Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, hija kienet żbaljata meta mponiet skwalifika ulterjuri a bażi ta' Artikolu 15(2) tal-istess Kapitolu ġialadarba ma ġiex ippruvat li hu kien qed isuq la b'mod perikoluż u lanqas bi traskuraġni kbira.

Illi b'hekk il-*gravam* sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament l-iskwalifika ta' erba' (4) xhur erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Frar 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** (Numru 362/2006) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Kif ġie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deċiż fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:
>
> > "Sewqan traskurat (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta

> wkoll għal sewqan traskurat. <u>Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'</u>. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. Sewqan perikoluż (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. <u>Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa</u>. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż (ara **The Police vs. Charlotte Chamberlain**, Appell Kriminali, 21/5/96)".

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deċiż fid-19 ta' Frar 2004:

> "... kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluż hi kwistjoni ta' '*degree*' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo**, 14.3.59, **Pol. vs. Wilson** [Vol. XXXIX iv. 1018] u

> **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham**, 19.10.1963). Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' '*recklessness*' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol. XXXIX iv.9 78]). '*Recklessness*' ġiet definita bħala '*wilfully shutting one's eye*' (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Inveċe sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** [Vol. XLIV iv. 892])"." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tinnota li Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel riferenza għal sewqan *"b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż"* b'dan illi t-test Ingliż tal-istess jirreferi għal sewqan *"in a reckless, negligent or dangerous manner"*. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li Artikolu 15(2) tal-istess Kapitolu jirreferi għal sewqan *"bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż"* filwaqt li t-test Ingliż tas-sub-Artikolu msemmi jagħmel riferenza għal sewqan *"in a reckless or dangerous manner"*. B'hekk kellha raġun l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata qalet li jsegwi li bil-kliem *"sewqan bi traskuragni kbira"* f'Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta l-leġislatur ried ifisser *"sewqan bla kont"*.

Illi fid-dawl ta' dak li ngħad hawn fuq, inkluż tas-sentenza ċċitata, jirriżulta li l-iskwalifika hija iktar ħarxa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż hekk kif imposta f'Artikolu 15(2) hawn fuq imsemmi u dana b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta f'Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, meħud dan t'hawn fuq in konsiderazzjoni, din il-Qorti ma tantx għandha wisq aktar xi tgħid għajr li l-iskwalifika ta' erba' (4) xhur hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti, li skont Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta ma setgħetx tkun anqas minn tliet

(3) xhur f'każ tal-ewwel kundanna, hija fil-parametri tal-liġi u mhijiex "*manifestly excessive*" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. Għaldaqstant, l-appell tal-appellant qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Jean Claude Mercieca u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi jiġi speċifikat li s-sospensjoni ta' erba' (4) xhur tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant jibda għaddej minn nofs il-lejl u minuta ta' għada fil-għodu.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**